MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. MANDUCA PHILIP

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 608/2001/1

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurazzjoni taghha Anthony Briffa sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Anthony Briffa.**

**Vs.**

**Joseph Camilleri**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih l-atturi talbu il-hlas ta’ Lm1413.94 rappresentanti danni sofferti n-konsegwenza ta’ incident stradali li gara fl-14 ta’ Dicembru 1998 f’San Giljan bejn vettura EBD023 misjuqa mill-konveunt li hi propjeta ta Philip Mifsud u l-vettura AQM001 misjuqa minn Markita Diacono proprjeta tasl-assikurat Anthony Briffa ghal liema incident l-konvenut kien unikament responsabbli.

Ra r-Risposta li fih il-konvenut iddikjara li ma ghandu ebda tort fi kwalunkwe incident li seta sehh u li lanqas jaf lil Philip Mifsud.

Ra s-seduta tal-1 ta' Novembru li fiha xehed Mark Axiaq fejn esebixxa dokumenti MA1 sa MA13.

Ra li fir-Road accident  report il-konvenut qal li kien gej mid-direzzjoni ta Triq il-Baltiku u waqaf biex idur lejn Regional Road. Meta hares lejn is-side mirror semgha il-habta. Markita Diacono qalet li kienet gejja mid-direzzjoni ta Trqi il-Baltiku u innutat il-vettura EBD023 ipparkjat fuq ix-xellug tat-triq u f'daqqa wahda daret fuq il-lemin u dahal gol-genb taghha.

Ra d-dokumenti li esbixxa PC 1492 Joseph Pace.

Ra s-seduta datata 21 ta Frar 2002 li fiha xehdet Markita Diacono u ikkonfermat l-istess haga li qalet fir-Road Accident Report. Markita Diacono izzid li l-konvenut ma ghamel ebda sinjal li kien se jdur.

Ra s-seduta datata 3 ta' Ottubru 2002 li fiha xehed Joseph Camilleri fejn qal li l-vettura hija propjeta tas-socjeta Medistone. Il-konvenut qal li ma jaf ebda Philip Mifsud. Il-konvenut ikkonferma li waqaf biex idur ghal Regional Road u qal ukoll li meta kien ser jaqbad isuq id-driver tal-vettura AQM001 qabzitu u tatu daqqa fil-vettura tieghu.

Illi hija s-societa attrici li trid turi li l-konvenut kien responsabbli ghal incident. Il-konvenut ezatt wara l-habta qal li "I was driving from the direction of Triq il-Baltiku and stop in the corner with Triq Mikielang Borg to turn towards Regional Road Tunnels and as soon as I looked in the side mirror I heard the collision."

L-asigurata tas-societa attrici qalet li rat lil van "parked on the side of the road and all of a sudden same turned towards the right and collided onto the left hand side of my vehicle".

Meta gie mistoqsi n-kontro-ezami jekk lahaq mexa ftit qabel il-habta l-konvenut qal li kien wieqaf izda ma setax jeskludi li mexa xi sitt pulzieri. Dan kien il-punt krucjali – jekk mexa l-konvenut jew le.

Illi t-tribunal ikkonsidra li l-hsara fil-karozza assikurata mas-societa attrici kellha hsara fuq il-gemb u mhux fuq quddiem.

It-Tribunal sema x-xhieda tal-partijiet tikkonkludi li l-versjoni tal- attrici hija iktar verosimili: billi l-konvenut l-ewwel qal li kien wieqaf imbaghad qal li seta mexa “sitt pulzieri” (jew ma jistax jeskludi) ; billi l-hsarat fil-vetturi jindikaw li l-konvenut mexa ghal lemin tieghu qabel il-habta; anki l-posizzjoni tal-konvenut wara l-habta – angolat ghal lemin jindika l-moviment li ghamel. Il-konvenut kellu d-dover li jara x’hemm warajh u jaghmel sinjal qabel ma jibda jimxi.

Illi l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut jirrigwardaw il-fatt li ma kienx qed isuq vettura li tappartjeni lil Philip Mifsud. Illi dan it-Tribunal jinnota li fil-fatt il-van in kwistjoni mhux propieta ta’ Philip Mifsud izda dan il-punt huwa irrilevanti ghal kwistjoni ta’ minn kellu tort f’dan l-incident u ghalhekk l-istess eccezzjonijiet huma michuda.

Ghalhekk it-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jikkundanna l-istess konvenut sabiex ihallas Lm1413.94 bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ dan l-avviz.

**Av. Philip Manduca**
**Gudikant**